IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.8.2020
COM(2020) 349 final

RIEŻAMI ANNWALI TAL-KUMMISSJONI

tar-Rapporti Annwali tal-Attività tal-Istati Membri dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

1. Introduzzjoni:

Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment sostnuti u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE[1] jipprevedi fl-Anness I li l-Istati Membri jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, rapport annwali tal-attività sabiex ikun hemm iktar trasparenza fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, hija obbligata li tipproduċi rieżami annwali għall-Parlament Ewropew ibbażat fuq din l-informazzjoni.

Ir-rieżami annwali preżenti jkopri s-sena kalendarja 2018. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżerċizzju, hija tikkonċerna attivitajiet ta' kreditu ta' esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, jiġifieri tranżazzjonijiet "fit-terminu medju u f'dak twil" b'perjodu għall-ħlas lura fuq perjodu ta' sentejn jew iktar. Dan ir-rieżami la jkopri tranżazzjonijiet ta' kreditu ta' esportazzjoni fit-terminu l-qasir[2] u lanqas ma jkopri attivitajiet imwettqa minn ċerti Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (ECAs - Export Credit Agencies) lil hinn mill-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni (bħall-assigurazzjoni tal-investimenti). Jenħtieġ li jkun innotat ukoll li fil-każ ta' xi Stati Membri, il-funzjoni ta' aġenzija ta' kreditu għall-esportazzjoni ssir minn kumpanija tal-assigurazzjoni jew istituzzjoni finanzjarja li topera b'mandat pubbliku. L-attivitajiet tas-settur pubbliku biss ta' dawn il-kumpaniji huma koperti minn dan ir-rieżami.

Il-Kummissjoni tinnota r-Riżoluzzjoni adottata fit-2 ta' Lulju 2013 mill-Parlament Ewropew dwar l-ewwel eżerċizzju ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011[3] u ġibdet l-attenzjoni partikolari tal-Istati Membri għar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'din ir-Riżoluzzjoni - bħar-rakkomandazzjoni lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni u l-Kummissjoni biex jikkonsultaw mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-metodoloġija tar-rappurtar. Fil-mument tal-kitba, aġġornament tal-metodoloġija tar-rappurtar qed jiġi rieżaminat mill-Istati Membri.

2. Rapporti ta' Attività Annwali li waslu għas-sena kalendarja 2018:

Waslu Rapporti Annwali tal-Attività mill-Istati Membri li ġejjin: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Is-seba' Stati Membri li jifdal (Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u Malta) ma pprovdux programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni attivi fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 matul is-sena rrappurtata.

---

1 ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45.

2 Għal tranżazzjonijiet bħal dawn tapplika l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat KE li tapplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat għall-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni fuq terminu qasir.

3 Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar l-ewwel rapport annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tal-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri (2012/2320 (INI).

3. Analiżi tar-Rapporti tal-Attività Annwali:

(a) Informazzjoni ġenerali u finanzjarja:

Il-qafas regolatorju applikabbli (Regolament (UE) Nru 1233/2011) jistabbilixxi r-regoli ġenerali għal tranżazzjonijiet u programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni. Minkejja li bosta gvernijiet tal-EU waqqfu ECA, l-ambitu u t-tip ta' programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni pprovduti, kif ukoll l-istruttura organizzazzjonali tal-aġenzija, ivarjaw bejn l-Istati Membri.

F'xi Stati Membri, l-ECA tkun dipartiment jew aġenzija governattiva. F'oħrajn, kif innutat aktar 'il fuq, kumpanija tal-assigurazzjoni jew istituzzjoni finanzjarja twettaq din il-funzjoni skont mandat pubbliku u taħt is-superviżjoni tal-gvern. Hi ħaġa komuni li l-Istati Membri li joffru kategoriji differenti ta' sostenn ta' kreditu għall-esportazzjoni jkollhom aktar minn ECA waħda (eż. aġenzija li tipprovdi sostenn uffiċjali fil-forma ta' garanziji jew assigurazzjoni għal self kummerċjali u aġenzija oħra li, pereżempju tislef direttament jew tipprovdi skemi li jiffissaw l-imgħax).

Fl-2018, 21 Stat Membru tal-UE pprovdew programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011. Dawn il-programmi huma ġestiti minn total ta' 29 aġenzija u dipartimenti governattivi differenti.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed joffru firxa dejjem aktar wiesgħa ta' programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni. Fir-rigward tat-tipi ta' sostenn għall-kreditu għall-esportazzjoni offrut minn ECAs tal-UE, l-aktar forma komuni tibqa' "kopertura sempliċi" (jiġifieri t-tranżazzjoni tal-esportazzjoni kkonċernata hija iffinanzjata minn bank kummerċjali, li għalih l-ECA tipprovdi garanzija jew kopertura tat-tip ta' assigurazzjoni). Il-21 Stat Membru kollha li jipprovdu krediti għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 offrew dan it-tip ta' appoġġ matul il-perjodu ta' rappurtar. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri offrew ukoll forom oħra ta' appoġġ koperti mir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Arranġament tal-OECD għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati,[4] bħal self jew finanzjament dirett (fejn il-finanzjament huwa pprovdut direttament mill-ECA u mhux minn bank kummerċjali) jew finanzjament mill-ġdid[5]. Ħafna Stati Membri jipprovdu wkoll finanzjament ta' proġetti u forom differenti ta' għajnuna marbuta. Kważi l-Istati Membri kollha joffru programmi mfassla biex jakkomodaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs.

Ġeneralment, il-prattiki u l-istandards ta' sottoskrizzjoni qed isiru dejjem aktar simili fost l-Istati Membri, peress li l-Arranġament għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati rriżulta f'għadd dejjem akbar ta' kwistjonijiet. Madankollu, jenħtieġ li dawn id-differenzi jiġu kkunsidrati għaliex dawn jagħmluha diffiċli li jiġi pprovdut tqabbil komplut. L-ewwel nett, l-Istati Membri - fi ħdan il-forom ġenerali ta' appoġġ għal kreditu għall-esportazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti - żviluppaw varjetà wiesgħa ta' programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni. Barra minn hekk, filwaqt li prodott partikolari jista' jkun komuni għal diversi ECAs, il-patti u l-kundizzjonijiet marbuta miegħu ma jistgħux ikunu l-istess. It-tieni nett, l-impatt ta' programm ta' kreditu għall-esportazzjoni ovvjament jiddependi wkoll fuq il-karatteristiċi tal-ekonomija nazzjonali u fuq il-kapaċità tas-swieq finanzjarji privati.

---

[4] L-Arranġament għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati, kif inkorporat fil-liġi tal-Unjoni, huwa riprodott fl-Anness II għar-Regolament.

[5] Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, ir-Repubblika Slovakka, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżervi, it-tabella ta' hawn taħt li telenka l-iskopertura għar-riskju nominali aggregat mill-31 ta' Diċembru 2018 jipprovdi mill-anqas idea ġenerali tad-daqs tal-akbar skemi tal-kreditu għall-esportazzjoni tat-tip "kopertura sempliċi".[6]

Appoġġ uffiċjali fil-forma ta' "kopertura sempliċi" fl-2018 (f'biljuni ta' euro) **L-ikbar fl-UE skont l-iskopertura għar-riskju nominali aggregat**	
il-Ġermanja	86,5
Franza	65,1
l-Iżvezja	28,1
l-Italja	26,4
in-Netherlands	24,4

Kif diġà ssemma hawn fuq, l-ECAs tal-UE huma attivi f'firxa wiesgħa ta' oqsma lil hinn mill-ambitu tal-obbligu ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011. Dawn tal-aħħar essenzjalment ikopru attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni ta' terminu ta' żmien medju u twil (kif definit skont l-Arranġament għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati). Madankollu, ħafna ECAs tal-UE joffru wkoll prodotti bħal krediti għall-esportazzjoni fuq terminu qasir, ittra ta' garanziji ta' kreditu, garanziji ta' riskju ta' manifattura u prodotti tal-assigurazzjoni għall-investiment. Jenħtieġ li jiġi nnotat ukoll li diversi Stati Membri żviluppaw prodotti tal-kreditu għall-esportazzjoni speċifiċi għas-settur pereżempju għall-manifattura tal-inġenji tal-ajru, għall-infrastruttura tal-vapuri u tal-ferroviji. Dan jista' jirrifletti l-fehim tas-settur separat fl-Arranġament għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fejn xi termini, b'mod partikolari fir-rigward tat-terminu massimu ta' ripagament, jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' industriji partikolari.

Fit-Taqsimiet II u IV tista' ssib informazzjoni dettaljata dwar il-formola ta' rappurtar użata fir-Rapporti Annwali tal-Attività , kif ukoll fir-rapporti annwali tal-attività li ħafna Stati Membri jirreferu espliċitament għalihom.

Kumplessivament, ir-Rapport Annwali tal-Attività jipprovdu tagħrif finanzjarju importanti dwar il-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li jkun enfasizzat li skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011, dan ir-rappurtar irid isir skont il-qafas leġiżlattiv nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv. Dan jirriżulta f'xi differenzi fil-preżentazzjoni. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda osservazzjonijiet speċifiċi dwar l-aspetti finanzjarji tar-Rapporti Annwali tal-Attività[7].

(b) Trattament ta' "riskji ambjentali, li jistgħu jġibu magħhom riskji rilevanti oħrajn":

[6] Innota li r-Renju Unit ma jipprovdix ċifra dwar l-iskopertura aggregata għar-riskju nominali fil-31 ta' Diċembru 2018.

[7] Skont l-Anness I, paragrafu 1, il-proċess ta' rappurtar preżenti huwa mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-Istati Membri li jeżerċitaw is-sorveljanza tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni nazzjonali.

Skont il-paragrafu 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 l-Istati Membri fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom *"għandhom jiddeskrivu kif ir-riskji ambjentali, li jistgħu jwasslu għal riskji rilevanti oħra, qed jittieħed kont tagħhom fl-attivitajiet tal-kreditu għall-esportazzjoni b'sussidju uffiċjali tal-ECAs tagħhom."*

L-Istati Membri jirrapportaw li huma, fuq bażi kontinwa, jirfinaw il-proċessi interni tagħhom sabiex jaqbdu u jevalwaw ir-riskji ambjentali attwali. Meta r-riskji involuti huma meqjusa li huma inaċċettabbli u sproporzjonati, ma tkun ipprovduta kopertura. Fejn ir-riskji huma meqjusa bħala aċċettabbli, is-sostenn ta' krediti għall-esportazzjoni huwa tipikament marbut u kontinġenti għall-miżuri ta' mitigazzjoni u mal-konformità ma' ċerti standards.[8] Barra minn hekk, il-politiki tal-Istati Membri jiġu infurmati permezz ta' standards internazzjonali u tal-*acquis* usa' tal-UE. Ir-referenzi għal objettivi, standards u linji gwida tal-UE fir-rapporti juru li kemm l-istrumenti legali nonvinkolanti kif ukoll dawk vinkolanti jittieħdu inkunsiderazzjoni u li l-ispirtu huwa importanti daqs it-test tal-liġi.

Il-konverġenza fil-prattiki tintwera wkoll, pereżempju, permezz tal-applikazzjoni ta' proċeduri differenti ta' valutazzjoni skont it-tip u l-kategorija tat-tranżazzjonijiet deskritti b'mod espliċitu minn xi Stati Membri.[9]

Il-paragrafu 2 tal-Anness I fir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 isemmi kemm ir-riskji ambjentali kif ukoll "riskji rilevanti oħra". B'mod ġenerali, bħal fis-snin preċedenti, l-Istati Membri komplew jinterpretaw ir-riskji ambjentali u dawk assoċjati b'mod wiesa'. Ħafna Stati Membri wkoll, meta jitqies iġġustifikat, jirrapportaw li jsegwu l-valutazzjoni tar-riskji matul il-ħajja tat-tranżazzjoni skont linji gwida speċifiċi.

It-tranżazzjonijiet huma vvalutati mhux biss b'konsiderazzjonijiet ambjentali iżda b'ħafna kunsiderazzjonijiet oħra. Pereżempju, diversi Stati Membri jirreferu b'mod espliċitu għall-impatti soċjali[10] kif ukoll għad-drittijiet tal-bniedem[11]. Dawn ir-riskji jistgħu jiġu vvalutati minn esperti indipendenti[12] esterni jew, aktar u aktar, permezz ta' speċjalisti f'kull ECA[13].

L-Istati Membri jirreferu wkoll b'mod partikolari għall-proċeduri deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar Approċċi Komuni għal Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali u Diliġenza Soċjali Dovuta (l-"Approċċi Komuni"), li hija għodda ta' valutazzjoni aċċettata u stabbilita sew fl-OECD u impatt normattiv barra l-OECD.

Ir-rappurtar jindika li ħafna Stati Membri jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Approċċi Komuni sabiex jagħtu aktar skrutinju lil sehem ikbar ta' tranżazzjonijiet.[14] Barra minn Approċċi Komuni, l-Istati Membri jieħdu wkoll l-istandards internazzjonali oħra bħala parametru referenzjarju. Dawn l-istandards jinkludu l-Politiki ta' Salvagwardja tal-Bank Dinji,[15] il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-

[8] Eż. il-Belġju, id-Danimarka, Franza, l-Ungerija. Il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, Is-Slovenja u l-Iżvezja.
[9] Eż. il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja.
[10] Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Repubblika Slovakka, Spanja, is-Slovenja u l-Iżvezja.
[11] L-Awstrija, il-Ġermanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.
[12] Eż ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka.
[13] Eż. il-Belġju
[14] Eż. l-Italja, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja.
[15] Ir-Repubblika Slovakka

Bniedem,[16] il-Prinċipji tal-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti,[17] id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol,[18] il-Prinċipji tal-Ekwatur,[19] l-Istandards Ambjentali u ta' Prestazzjoni Soċjali tal-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali[20] u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali.[21] Xi Stati Membri jagħmlu referenza wkoll għal inizjattivi dwar it-tibdil fil-klima, inkluża referenza għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima.[22] Fl-aħħar nett, xi Stati Membri semmew ukoll l-impenn kontinwu tagħhom lejn it-titjib u l-iżvilupp ta' dixxiplini eżistenti.

(c) Informazzjoni oħra fir-Rapporti Annwali tal-Attività

Minbarra l-informazzjoni diġà msemmija fit-taqsimiet 3(a) u (b) hawn fuq, il-21 Rapporti Annwali tal-Attività juru li l-Istati Membri żviluppaw politiki dwar il-krediti għall-esportazzjoni relatati b'mod aktar ġenerali mal-ambjent, mas-self sostenibbli lil pajjiżi bi dħul baxx u kontra t-tixħim. It-tliet Rakkomandazzjonijiet[23] tal-OECD għandhom rwol ewlieni – iżda mhux esklussiv. It-tliet Stati Membri, il-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija, li mhumiex Membri tal-OECD japplikaw dawn l-istrumenti jew biħsiebhom jagħmlu dan. Ir-Rumanija u l-Kroazja japplikaw l-Approċċi Komuni u r-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar it-Tixħim, filwaqt li l-Bulgarija implimentat ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar it-Tixħim.

Ħafna Stati Membri jsostnu li l-"Approċċi Komuni" japplikaw lil hinn mill-ambitu definit mill-OECD.[24] B'mod ġenerali, jidher li l-Istati Membri żiedu l-ambizzjonijiet tagħhom fil-ġlieda kontra t-tixħim u l-korruzzjoni billi introduċew miżuri ġodda ta' konformità sabiex tissaħħaħ il-politika kontra t-tixħim u l-korruzzjoni. Ħafna Stati Membri jeħtieġu dikjarazzjoni kontra t-tixħim mingħand il-persuna assigurata qabel ma joħorġu l-appoġġ, li tiddikjara b'mod espliċitu li l-kopertura hija awtomatikament invalidata minn sejba ta' tixħim. Għadd dejjem akbar ta' Stati Membri jsemmu wkoll l-importanza tal-monitoraġġ u tal-involviment fi djalogi ma' banek u istituzzjonijiet finanzjarji dwar politiki dwar l-aħjar prattiki rigward miżuri kontra t-tixħim.

Barra minn hekk, għadd dejjem akbar ta' Stati Membri jinvokaw objettivi jew kunsiderazzjonijiet politiċi addizzjonali li jikkomplementaw dawk minquxa fl-Approċċi Komuni. Eżempji jinkludu s-sostenibbilità soċjali[25] u l-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa.[26] F'bosta każijiet, l-ECAs ikkonċernati żviluppaw strumenti rilevanti huma stess. Eżempju ta'

[16] Eż. id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Iżvezja.
[17] L-Iżvezja
[18] Eż. il-Finlandja u n-Netherlands
[19] Ir-Renju Unit
[20] Eż. in-Netherlands u r-Repubblika Slovakka.
[21] L-Iżvezja
[22] Il-Finlandja
[23] 1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar Approċċi Komuni għal Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali u d-Diliġenza Dovuta Soċjali (l-hekk imsejħa *"Approċċi Komuni"*) 2. Ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Korruzzjoni u l-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali. 3. Il-Prinċipji u Linji Gwida għall-Promozzjoni ta' Prattiki ta' Self Sostenibbli fid-dispożizzjoni tal-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjali għal Pajjiżi b'Introjtu Baxx
[24] Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja.
[25] Id-Danimarka, il-Ġermanja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka u Spanja.
[26] L-Iżvezja.

dan jista' jkun politika ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva,[27] li tipikament tinvolvi mhux biss l-isforzi interni iżda wkoll djalogu mill-qrib mal-klijenti tal-ECA.

Fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent, xejriet ġodda jinkludu enfasi fuq is-sostenibbiltà u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet. Bħal fl-eżerċizzji ta' rappurtar preċedenti, bosta Stati Membri jsemmu l-importanza partikolari tad-drittijiet tal-bniedem. Kważi r-rapporti kollha jkomplu jirriflettu s-sostenn għall-iżvilupp ta' dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Approċċi Komuni l-ġodda.

Ħafna Stati Membri żviluppaw għodod speċifiċi ta' kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim addizzjonalment ma' konformità mal-Approċċi Komuni, bħal miżuri għall-iżvelar ta' informazzjoni.[28] Il-miżuri tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ikomplu jkunu kwotati bħala prijorità,[29] flimkien mal-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu.[30]

Jidher li qed issir konverġenza bejn il-politiki tal-Istati Membri, li, bħala eżempju wieħed, hija murija mill-aderenza mill-qrib mar-rekwiżiti tal-Bank Dinji u tal-Fond Monetarju Internazzjonali msemmija minn bosta Stati Membri fir-rigward ta' prattiki ta' self sostenibbli lil pajjiżi b'introjtu baxx.

L-Istati Membri huma wkoll attenti li jiżguraw li l-ECAs joperaw bl-aktar mod trasparenti possibbli, filwaqt li tiġi rrispettata l-kunfidenzjalità li tista' tkun meħtieġa għal tranżazzjonijiet kummerċjali. Bħal fis-snin preċedenti, l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lil din il-kwistjoni fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom fir-rigward tal-2018.[31]

Abbażi tar-rappurtar tagħhom, jidher li l-Istati Membri integraw l-Approċċi Komuni tal-OECD fil-politiki ta' kreditu għall-esportazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri jidhru li jmorru lil hinn mill-Approċċi Komuni li jiskambjaw l-aħjar prattiki u metodoloġiji ta' valutazzjoni bejniethom. L-Approċċi Komuni qed jitqiesu dejjem aktar bħala standard minimu. F'ħafna oqsma, l-Istati Membri japplikaw il-miżuri addizzjonali tagħhom stess sabiex jiżguraw li l-appoġġ ta' kreditu għall-esportazzjoni huwa disponibbli biss għal tranżazzjonijiet li jissodisfaw sett strett ta' standards li jvarjaw mill-aspetti ambjentali għal dawk soċjali.

(d) Konformità tal-ECAs mal-objettivi u mal-obbligi tal-Unjoni:

Sabiex tiżdied it-trasparenza fil-livell tal-UE, l-Istati Membri huma obbligati skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, Rapport Annwali tal-Attivitajiet, li jirrapporta b'konformità mal-qafas leġiżlattiv nazzjonali tagħhom ċerta informazzjoni finanzjarja u operazzjonali dwar l-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni, li jinkludi wkoll informazzjoni dwar kif ir-riskji ambjentali huma indirizzati.

Skont il-paragrafu 3 tal-Anness I "*il-Kummissjoni għandha tipproduċi rieżami annwali għall-Parlament Ewropew ibbażat fuq din l-informazzjoni, inkluża evalwazzjoni rigward il-konformità tal-ECAs mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni*".

[27] L-Italja, in-Netherlands, is-Slovenja u l-Iżvezja.
[28] Ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja.
[29] L-Iżvezja.
[30] L-Iżvezja.
[31] L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja.

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jelenka l-objettivi ġenerali tal-Unjoni fl-Artikolu 3[32] u l-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 21 tiegħu.

Fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni tal-UE, issir referenza għall-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 206 u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jaqra.

L-Istati Membri kollha ta' rapportar jipprovdu evidenza li għandhom politiki stabbiliti biex jakkumpanjaw il-ġestjoni tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni tagħhom li huma konformi mal-objettivi tal-UE. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika speċifiċi għall-kreditu żviluppati fl-OECD - l-unika organizzazzjoni internazzjonali li s'issa żviluppat regoli speċjalizzati għal dan il-qasam ta' politika - huma f'użu komuni, u f'bosta każijiet l-attivitajiet rilevanti mill-Istati Membri jmorru lil hinn minn dan il-livell.

Sabiex tiġi approfondita l-abbiltà tal-Kummissjoni li tivvaluta aktar l-attivitajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u f'konsultazzjonijiet ma' diversi partijiet ikkonċernati, ipproponiet lill-Istati Membri li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-Rapporti Annwali tal-Attività. Bħalissa qed jiġi diskuss mal-Istati Membri mudell rivedut u estiż għall-eżerċizzju ta' rapportar.

Il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni biex joħroġ dikjarazzjoni dwar jekk l-Istati Membri humiex konformi mal-objettivi u mal-obbligi tal-Unjoni; il-Kummissjoni Ewropea wettqet ir-rieżami annwali tagħha skont l-Anness I. B'dan il-mod, analiżi tal-Kummissjoni hija bbażata fuq ir-Rapporti Annwali tal-Attività mressqa mill-Istati Membri, u ma tistax titqies bħala definittiva. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni li tinsab fir-Rapporti Annwali tal-Attività tipprovdi evidenza qawwija li l-ECAs huma f'konformità mal-Artikoli 3 u 21 tat-TUE u ma tipprovdix evidenza ta' nuqqas ta' konformità minn xi Stat Membru. Naturalment, l-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu jixtiequ li jistabbilixxu b'mod konġunt miri politiċi aktar ambizzjużi. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tiffaċilita u tippromwovi djalogu interistituzzjonali f'dan ir-rigward iżda fil-frattemp trid twettaq l-evalwazzjoni tagħha f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Anness 1.

Fir-rigward tal-konformità mal-obbligi internazzjonali u l-obbligi skont il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE, ma kien hemm l-ebda tilwim fil-livell tad-WTO li jinvolvi programmi Ewropej ta' kreditu għall-esportazzjoni matul il-perjodu ta' rapportar. Fl-2018 il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda lment li jikkonċerna ksur potenzjali tal-liġi tal-UE li jinvolvi aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni.

[32] Fost l-oħrajn, skont l-Artikolu 3(5) tat-TUE, fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni "tikkontribwixxi għall-[…] iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il- popli, il-kummerċ liberu u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti".